MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2002

Numru 12/2000

Il-Pulizija,
(Spetturi Norbert Ciappara u
Neville Xuereb)
vs
Boudjerda Bouatem.

Il-Qorti:
Rat l-akkuzi kontra l-imputat Boudjerda Bouatem ta' 45 sena mwieled Jijel, Algerija, bin Hassan u Hurriyya, residenti 13 Inpas Budazien, Jijel, Algerija, detentur tal-ktieb ta' bahri numru 0049546, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' April 2000 u l-granet ta' qabel din id-data:
1. Biegh jew xort'ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;
2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

3. Il-Qorti giet mitluba li barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna l- imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti;
4. Il-Qorti wkoll mitluba sabiex tiddikjara l-imputat bhala immigrant ipprojibit u tohrog kontra tieghu ordni ta’ tnehhija skond il-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet ix-xhieda;
Rat il-kontra ordni ta’ l-Avukat Generali (folio 140);
Semghet fl-udjenza tal-14 ta’ Frar 2002 l-imputat jirregistra ammissjoni;
Ikkunsidrat:
Li presindendo mill-ammissjoni ta’ l-imputat l-htija tieghu tinsab pruvata mix-xhieda ta’ Kenneth Zammit li lilu l-imputat kien forna d-droga. Il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li l-provi tal-prosekuzzjoni jwasslu inekwivokabbilment sabiex jippruvaw li l-imputat fil-15 ta’ April 2000 u l-granet ta’ qabel biegh r-raza cannabis lill-imsemmi Kenneth Zammit ghal ta’ lanqas f’zewg okkazzjonijiet. Ix-xhieda ta’ dan Zammit hija kredibbli u verosimili fil-kuntest tac-cirkostanzi li wasslu ghall-imputat qua l-persuna li bieghlu u fornieh bir-raza tal-cannabis. Ghalkemm id-droga ‘ut sic’ ma nstabitx fil-kabina allokata lill-imputat fuq il-vapur Algerin, id-deskrizzjoni tal-kabina fejn sar il-ftiehim mill-imsemmi Kenneth Zammit hija ferm indikattiva u torbot mal-bqija tax-xhieda tieghu u l-provi l-ohra.

Illi fid-dawl tal-provi u l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat m’hemm ebda dubbju li l-imputat ghandu jinstab hati kemm ta' traffikar u pussess tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis li hija sustanza projbita taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ghaldaqstant tiddecidi li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti cioe` li biegh jew xort’ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina ir-raza u ta' pussess ta’ l-istess.

Rat l-Artikolu 8, 22(1B), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 u l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 u tikkundannah sentejn u tmien xhur prigunerija mil-liema ghandhom jitnaqqsu l-

perijodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz.
Tikkundanna wkoll lill-imputat ghal hlas ta’ multa ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) konvertibbli f’gimgha prigunerija fin-nuqqas ta’ hlas immedjat u fic-cirkostanzi tordna l-konfiska ta’ l-oggetti senjatament d-dokumenti NCl, NC2, NC3, NC6 u NC7.
Tordna wkoll, wara li rat l-Artikolu 5, 23 u 14 tal-Kapitolu 217, it-tnehhija tieghu minn dawn il-Gzejjer wara li jkun skonta l-perijodu ta’ prigunerija u li din is-sentenza tkun ghaddiet in gudikat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------